# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 20/2015**

Il-Pulizija

vs

**Agostino Borg**

iben Paul, imwieled Malta, fl-20 ta' Novembru, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 767561(M)

Illum it-30 ta' Ottubru 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Agostino Borg akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fis-6 ta' Jannar 2014 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa Triq San Frangisk, Marsa:

(1) Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Rema, tefa jew xort'ohra qattar jew iddepozita xi zibel jew halla f'xi triq jew post pubbliku recipjent ta' zibel, borza, excreta, materjal tal-bniedem jew annimali, vomtu, jew xerred, qattar jew xehet demm, ilma mielah jew likwidu li jaghmel hsara u dan bi ksur tal-Avviz Legali 344/2005, Artikolu 4 (Skeda 1) tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) U aktar talli bhala l-persuna responsabbli mill-fond maghruf bhala 24, fi Triq San Frangisk, Marsa, naqas milli jiehu hsieb kif mehtieg mic-cirkostanzi sabiex ma jhallix lil dawn l-annimali jdejjqu lill-girien tieghu u cioe` lil Emanuel Frendo, Joseph Zammit, Franco Galea u Maria Rosaria Bugeja permezz ta' nbieh jew tnewwih jew xort'ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 155 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(f), 338(dd) u 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 153, 318 u 319 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 10 u l-Iskeda 1 tal-Avviz Legali 344/2005, sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u lliberatu minnha, fil-waqt illi sabitu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u kkundannatu ghal piena ta' ammenda komplessiva ta' mitt Euro (€100) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati sa zmien tliet xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos illi jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, dan l-ammont jigi konvertit f'detenzjoni bir-rata ta' jum ghal kull €11.65 jew frazzjon taghha dovut.

In oltre ai termini tal-Artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat t-tnehhija tal-inkonvenjent ossia tal-annimali mill-fond in kwistjoni, da parti tal-hati, fi zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi, ai termini tal-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10, kemm il-darba huwa jonqos li jhares din l-ordni fiz-zmien moghti lilu b'din is-sentenza. Il-Qorti rrakkomandat lill-awtoritajiet koncernati, inkluz lill-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, sabiex mill-aktar fis possibbli, jassistu b'kull mezz lill-hati, sabiex isib akkomodazzjoni alterattiva u adegwata ghall-klieb u qtates in kwistjoni. Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Rat ir-rikors tal-appellant Agostino Borg minnu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt illi

tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Agostino Borg mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tiddikjarah mhux hati taghhom, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.
>
> Ghalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' gurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal necessarjament ghal liberatorja, la kien *safe* u lanqas *satisfacotory,* anzi certament perikoluz, li l-Ewwel Onorabbli Qorti, strahet biss fuq ix-xhieda moghtija mill-kwerelanti u skartat kompletament ix-xhieda moghtija minn rapprezentanti ta' awtoritajiet kompetenti u cioe' Dennis Scibberas, *Senior Officer* mad-Dipartiment tal-*Animal Welfare,* Joseph John Vella, Direttur tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare* u Ivan Silvio in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sanita'.
>
> Illi skont gurisprudenzja kostanti l-Qrati taghna dejjem irritenew illi il-grad tal-prova li prosekuzzjoni trid tilhaq sabiex Qorti tista ssib htija, hi dik ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni izda l-Ewwel Qorti nonostante l-kunflitt ta' provi waslet biex sabet htija fl-appellant billi strahet esklussivament fuq il-verzjoni moghtija mill-kwerelanti u xhieda ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Ghalkemm huwa minnu illi l-kwerelanti u x-xhieda ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni jghixu fl-istess triq fejn allegatament qed isiru r-reati migjuba fil-konfront tal-appellant, l-istess kwerelanti u x-xhieda ohra mhumiex esperti la fil-qasam tal-harsien tal-annimali u wisq inqas tas-Sanita'.
>
> Illi jigi rilevat illi meta Qorti tkun rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat peress illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar provi liema provi ghandhom iwasslu u jikkonvincu lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalkhemm huwa minnu illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal sabiex awtomatikament persuna tigi liberata, pero bid-dovut rispett, f'cirkostanzi bhal kaz odjern, fejn il-kunflitt fil-provi huwa wiehed b'sahhtu il-Qorti trid tezercita cirkospezzjoni ikbar, sabiex tasal ghad-decizjoni taghha. Jigi ben rimarkat illi l-kunflitt ta' provi f'dan il-kaz jezisti bejn ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni stess fejn mhemmx qbil fuq il-mod kif inhi s-sitwazzjoni.

Jibda biex jinghad li sahansitra kien hemm kunflitt ta' provi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess li huma girien tal-appellant, fejn Marthese Zammit, ghal kuntrarju tax-xhieda l-ohra li qalu li l-klieb jinbhu u joholqu inkonvenjent il-gurnata kollha u cioe erbgha u ghoxrin siegha kuljum, xehdet illi ghalkemm il-klieb tismaghhom jinbhu matul il-gurnata, hi qatt ma semaghthom jinbhu matul il-lejl. Fi kliem iehor, lanqas il-girien bejniethom m'huma jaqblu bejniethom.

Illi inoltre jigi rilevat illi x-xhieda moghtija minn l-esperti u rapprezentanti ta' awtoritajiet kompetenti u cioe' Dennis Scibberas, *Senior Officer* mad-Dipartiment tal-*Animal Welfare,* Joseph John Vella, Direttur tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare* u Ivan Silvio in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sanita' huma ghal kollox inkompatibbli ma' dak li ntqal mill-girien. Fi kliem iehor, il-verzjonijiet u l-allegazzjonijiet tal-girien li jkun hemm storbju, rwejjah qawwija, skart mitluq barra fuq il-bankina jikkontrasta ghall-kollox mal-verzjonijiet moghtija minn l-esperti u r-rapprezentanti tal-awtoritajiet kompetenti. Dan ghaliex kemm Dennis Scibberas, *Senior Officer* mad-Dipartiment tal-*Animal Welfare* kif ukoll Joseph John Vella, Direttur tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare* kkonfermaw illi waqt access li sar fil-fond inkwistjoni nhar l-erbga u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax sabu li l-annimali kienu kollha fi stat u kundizzjoni tajba u l-appellant jiehu hsiebhom hafna. Inoltre, ikkonfermaw illi l-istat ta' ndafa fil-fond in kwistjoni kien wiehed tajjeb hafna tenut kont ukoll tal-ammont konsiderevoli ta' klieb u qtates illi jghixu f'dan il-fond u dan kollu huwa kkonfermat fir-rapport li hejja Dennis Scibberas dwar ir-rizultanzi ta' dan l-access.

Dan kollu hu kkorroborat mix-xhieda ta' Ivan Silvio rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sanita fejn irrileva illi saru diversi spezzjonijiet fil-fond tal-appellant liema spezzjonijiet hafna drabi l-appellant ma kienx infurmat bihom. Ivan Silvio irrileva illi l-kundizzjoni ta' ndafa tal-annimali kienet wahda tajba u dan kull darba illi saru l-ispezzjonijiet u sahaq ukoll illi ghalkemm kien hemm ftit irwejjah ghall-ammont konsiderevoli ta' annimali

li kien hemm fil-fond wiehed ma jistax jghid li kien hemm irwejjah u tinduna li kien hemm l-annimali biss meta tidhol fil-fond. Xehed ukoll illi tul l-ispezzjonijiet kollha li saru fil-fond in kwistjoni qatt ma nstab zibel quddiem il-bieb tar-residenza tal-appellant u dan kuntrajtu ghal dak allegat mill-girien tieghu li kollha xehedu li ta' kull filghodu l-appellant johrog il-boroz tal-*garbage* bil-hmieg tal-annimali barra.

Illi ghalhekk tenut kont tax-xhieda rapprezentanti tal-awtoritajiet kompetenti, li definittivament m'ghandhomx interess f'dawn il-proceduri, (u dan ovvjament a kuntrarju tal-interessi li ghandhom il-girien), <u>din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex issib htija fil-konfront tieghu, stante illi mhuwiex minnu illi l-girien qed isofru xi tip ta' inkonvenjent.</u>

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku aggravju li iqanqal l-appellant dirett lejn is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu ghall-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti ghaliex huwa tal-fehma illi kien hemm kunflitt fl-istess u dan bejn ix-xiehda moghtija mill-girien li ressqu r-rapport lill-awtoritajiet koncernati dwar l-inbieh, u hmieg li jhallu l-annimali li jrabbi l-appellant fir-residenza tieghu u ir-rapporti imhejjija mill-awtoritajiet u cioe' dawk tad-Dipartimenti tal-Harsien ta'l-Annimali u dak tas-Sanita' li wara spezzjonijiet minnhom maghmula jikkonkludu illi fl-ambjenti fejn kienu qed jitrabbew dan in-numru kbir ta' klieb u qtates ma kienx hemm hmieg u irwejjah u li l-annimali kienu mizmuma kollha f'kundizzjoni ta' sahha tajba.

Illi ghalkemm qorti ta' revizjoni mhijiex imsejjha biex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi imressqa quddiem l-Ewwel Qorti, madanakollu kif dejjem gie ribadit

l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa li, wara li tezamina l-provi li hemm fl-atti, tqies jekk l-Ewwel Qorti kenitx legalment u fattwalment ragjonevoli fil-konkluzjonijiet minnha raggunti.

Ghal dan il-ghan il-Qorti wara li ezaminat mill-gdid l-atti processwali irrizultalha illi lura fis-6 ta' Jannar tas-sena 2014 diversi persuni u cioe' Joseph Zammit, Franco Galea, Emanuel Frendo u Maria Rosaria Bugeja, ghamlu rapport lil pulizija tal-għassa tal-Marsa fejn ilmentaw dwar storbju u rwejjaħ ta' annimali u indikaw lill-appellant bhala l-persuna responsabbli għat-trobbija ta'l-istess. Skond il-kwerelanti l-appellant għandu diversi klieb li jinbħu mingħajr waqfien anki matul il-ħin ta' bil-lejl u dan apparti l-irwejjaħ li huma qawwija ħafna u nsopportabbli tant illi lanqas t-twieqi ma jistgħu jiftħu minhabba f' din ir-riha tinten generata minn din il-kwantita ta' annimali. Ilmentaw ukoll illi l-appellant ġieli jinsulenthom u jkellimhom ħażin apparti li kuljum joħroġ borża taż-żibel kontenenti l-likwidu li jibda jnixxi minnhom peress illi dawn jinħarġu f'ħinijiet jew ġranet ferm aktar kmieni mil-hin tal-gbir ta'l-iskart. Il-pulizija PS 830 għamel aċċess fil-fond in kwistjoni ftit tal-ħin wara li sar ir-rapport u kkonferma dawn l-ilmenti meta ighid illi kien hemm riha tinten qawwija kif ukoll storbju iggenerat mill-inbieh, kif irrappurtat lilu, tant illi l-istess kien jinstema' minn diversi kilometri 'il boghod. Konsegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra l-appellant.

Illi l-appellant gie misjub hati tal-kontravvenzjoni mahsuba fl-artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali li jinqara kif ġej:

> **Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min - bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;**

Illi din id-disposizzjoni tal-ligi tqies illi mhux biss l-ghajjat u l-istorbju jista' iwassal ghall infrazzjoni tal-ligi izda ukoll kull hoss iehor li jista' jikser il-mistrieh tan-nies u dan fil-hinijiet ta' bil-lejl. Illi allura kull min jippermetti li isiru hsejjes li jdejjqu

lil girien u li mhux facilment tollerabbli ghax ma jhallix il-vicini jistriehu fil-hin tal-mistrieh legittimu taghhom huwa hati ta' din il-kontravvenzjoni.[1]

In oltre l-appellant ġie misjub hati ukoll bil-ksur tar-regolament 4 tal-Avviż Legali 344/2005 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi u li jinqara kif ġej:

> **Ħadd ma jista jarmi, jitfa', iħalli, jew xort' oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ il-għaliż il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi.**

Fejn il-kelma "zibel" tinkludi:

> **kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummerċjali, ħwejjeġ mormija, rdum jew laqx u mingħajr ma tillimita l-ġeneralità tal-fuq imsemmija tinkludi kull ħġieġ, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, chewing gum, ċikka ta' sigarett, vettura mitluqa, reċipjent, tagħmir, jew makkinarju, sħiħ jew f'biċċiet, fdalijiet u qtugħ tal-ġnien, ħamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini ieħor;**
>
> **u**
>
> **kull oġġett, materjal jew sustanza oħra ddepożitata f'post pubbliku li tikkawża jew iżżid id-dehra mħawwda ta' dak il-post jew li tikkawża effett b'mod li ġġib dannu għall-użu xieraq tal-post, jew li tista', b'mod ġenerali, iżżid ir-riskju ta' periklu għas-saħħa jew għall-ambjent għall-pubbliku jew għall-ambjent ta' madwar, jew li tista' tkun ħaġa li ddejjaq lill-pubbliku.**

In oltre l-Ewwel Skeda ta'l-Avviż Legali telenka l-att vjolattiv li permezz tieghu issir l-infrazzjoni tal-ligi fejn fosthom hemm id-depozitu ta' exkreta materjali ta' l-annimali għal fuq xi triq jew xi post pubbliku (paragrafu e) kif ukoll it-tixrid, ta' likwidu li jagħmel ħsara jew kull materja ta' kull tip li jwaħħal jew li jħammeġ inkluż kull fluwidu li jaqa' f'post pubbliku (paragrafu f).

---

[1] Deċiża nhar it-3.11.2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Abbinat mal-kontravvenzjoni ta' ordni pubblika l-artikolu 153 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta ihares minn:

> **Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel, jew tippermetti, li xi annimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra.**

Illi fid-dibattiti parlamentari fejn gie diskuss dan l-artikolu tal-ligi qabel daħal fis-seħħ fis-sena 2010 il-Ministru tal-ġustizzja tal-ġurnata qal hekk:

> **"Qegħdin nintroduċu artiklu ieħor fil-Kodiċi tal-Liġi tal-Pulizija sabiex nagħtu protezzjoni wkoll minn annimali li jdejqu lill-ġirien. F'pajjiżna fortunament hawn ħafna nies iħobbu l-annimali u l-maġġoranza tagħhom jieħdu ħsiebhom ukoll. Hemm imħabba kbira għall-annimali u n-nies jonfqu flejjes kbar sabiex iżommu tajjeb l-annimali tagħhom, però sfortunatament għandna numru ta' nies fis-soċjetà li dan ma jagħmluhx. Għalkemm wieħed ma jkunx jista' espressament jitkellem fuq moħqrija tal-annimali, jiġifieri li inti qed issawwat annimal jew qed iżżommu f'kondizzjonijiet ħżiena, imma dan l-annimal ikun qiegħed idejjaq lill-ġirien. Allura qed nipproponu artiklu ġdid li jgħid hekk:**
>
> **"Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel jew tippermetti li xi annimal jissakkar f'xi post għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien permezz ta' nbiħ jew tnewwiħ jew xorta oħra".**
>
> **Sfortunatament hemm numru ta' każijiet fejn, per eżempju, wieħed ikollu kelb jew inkella ċerti tipi ta' għasafar li jitħallew f'post abbandunat, forsi fuq il-bejt, jitħallew għal rashom, u dawn jagħmlu l-lejl kollu jinbħu. Is-sid jitlaq mill-post, iħalli lil dan il-kelb hemmhekk għassa, dan jagħmel il-lejl kollu jinbaħ fuq il-bejt, il-ġirien ma jistgħux jorqdu, u fil-frattemp jiżdiedu d-dwejjaq. Dan m'għandux ikun, u għal dan il-għan qed indaħħlu emenda li tistabbilixxi każ bħal dan bħala kontravenzjoni. Jekk inti għandek imħabba vera għall-annimali trid tieħu ħsieb li tagħtihom kondizzjonijiet tajbin, trid tieħu ħsieb li tħallihom f'ambjent u f'sitwazzjoni li permezz tagħha tassigura li dawn l-annimali ma jiddisturbawx lil ħaddieħor[2]."**

[2] Seduta no. 205 – Tal-Erbgħa l-24 ta Marzu 2010.

Illi kwindi jidher li l-intenzjoni tal-leġislatur bl-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi kienet illi jigu indirizzati dawk il-kazijiet fejn jkun qed jinholoq inkonvenjent jew fastidju lil terzi minn annimali mizmuma gewwa xi fond minhabba l-istorbju li ikunu qed jiggeneraw jew ghal xi raguni ohra.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-kaz taht il-lenti tal-Qorti jinkwadra ruhu perfettament f'din id-disposizzjoni tal-ligi li l-legislatur fittex li jintroduci biex ihares minn dan it-tip ta' inkonvenjent. Huwa indubitat li l-appellant, li għażel li ma jixhidx u li jressaq xi prova sabiex ixejjen dak allegat mill-Prosekuzzjoni, irabbi ghadd gmielu ta' annimali, klieb u qtates, (25 qattus u 12-il kelb) li anke jekk ghal grazzja tal-argument jinzammu fi stat tajjeb ta' sahha u indafa, certament gjaldarba l-ambjent fejn qed jitrabbew mhux idonju biex jircevi gewwa fih din il-kwantita' ta' annimali, certament li xi tip ta' inkonvenjent ghal min ikun ighix fil-vicinanzi ser ikun hemm. Illi l-Ewwel Qorti fil-motivazzjonijiet ferm approfonditi qieset il-fatturi kollha meta wasslet ghal konkluzjoni, wara li qieset bir-reqqa anke l-inkonsistenzi li seta kien hemm fix-xiehda mismugha, illi l-ilmenti tal-kwerelanti kienu ben fondati.

Il-kwerelanti kollha li xehdu quddiem l-ewwel Qorti jikkonfermaw illi semgħu l-klieb tal-appellant jinbħu matul il-ħinijiet ta' bil-lejl u li tali nbiegħ kien qed jiddisturbhom fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom. Illi dan il-fatt ma setax jigi ikkonfermat mir-rapprezentant tad-Dipartiment ghal Harsien tal-Annimali u tas-Sanita' li ma marrux fuq il-post fil-hin ta' bil-lejl, u accedew fir-residenza tal-appellant wara li kienu avzawh li kien ser isir l-access. Illi allura l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod biss fuq id-deposizzjonijiet tal-kwerelanti għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża, liema xiehda giet ikkorroborata bejniethom oltre b'dik tal-ufficjal tal-pulizija 830 li jiddeskrivi car u tond dak li kienu qed jilmentaw minnu dawn il-girien tal-appellant. Illi l-istess jista' jinghad ghas-sejbien ta' htija ghar-raba mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Ir-rappreżentanti ta' Dipartiment tas-Sanita u tal-Harsien tal-Annimali li marru fuq il-post jikkonfermaw illi l-appellant izomm

numru kbir ta' annimali fir-residenza tieghu fejn ghalkemm jirrappurtaw illi l-annimali kienu qegħdin jinżammu fi stat tajjeb f'ambjent iġeniku, u kienu b'sahhithom, madanakollu fil-hin li sar l-access minnhom, kif inghad, ma kienx posibbli jikkonstataw jekk dawn l-annimali kenux qed jiggeneraw hsejjes li permezz tieghu kienu qed joholqu inkonvenjent lil girien li ighixu ta' kuljum bieb ma' bieb mal-appellant.

Illi mix-xhieda ta' dawn il-girien johrog car ukoll illi l-appellant kien joħroġ l-iskart mir-residenza tiegħu għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu. Prova ta' dan hemm ritratt li gie esebiet in atti minn fejn jidher ċar likwidu inixxi mill-borża ta'l-iskart u liema borża taż-żibel kienet fit-triq pubblika. Issa mid-diċitura tar-regolament 4 tal-Avviż legali 344/2005, jidher illi anki li kieku din il-borża ma kienx fiha l-awrina tal-annimali iżda kien fiha ż-żibel li qattar għall-ġot triq, l-elementi ravviżati taħt r-regolament 4 xortawahda jinsabu sodisfatti. In oltre l-appellant ma iressaq l-ebda kontestazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-boroż jew li kien hu li halla dawn il-boroż barra.

Ghal dawn il-motivi l-aggravvju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Ikkunsidrat,

Illi jifdal l-ahhar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li kienet wahda fil-parametri tal-ligi u tqarreb lejn il-minimu. Illi dan maghdud din il-Qorti tistqarr illi tul is-smiegh ta' dan l-appell hija setghet tosserva d-dedikazzjoni inkondizzjonata u kontinwa tal-appellant lejn dawn l-annimali li huwa laqa' ghandu gewwa daru u tahom il-kenn. Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma ukoll illi l-appellant wasal fi stat fejn huwa impossibbli ghalih li ikompli jiehu hsieb dan in-numru kbir ta' annimali fl-ambjent zghir fejn qed ighix billi dan qed ikun ta' *hardship* anke ghalih. Huwa allura impellenti illi dawn l-annimali jigu ipprovduti b'allogg alternattiv fejn ikunu jistghu jitrabbew f'ambjent aktar addattat u fejn allura ma ikunux ta' inkonvenjent ghan-nies li ighixu fil-madwar.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' tlett xhur moghti mill-Ewwel Qorti sabiex l-annimali jitnehhew mill-ambjent fejn qed ighixu ghandu jibda' jiddekorri mil-lum. Taghmel taghha ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti lill-awtoritajiet koncernati u cioe' l-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali u lic-*Chairperson* tal-Awtorita tal-Artijiet sabiex jaghtu l-assistenza kollha mehtiega lill-appellant sabiex huwa ikun jista' jottempera ruhu ma' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lil Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali u lic-*Chairperson* tal-Awtorita ta'l-Artijiet.

Edwina Grima
Imhallef